32006D0404

L 156/16 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 9.6.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-31 ta' Mejju 2006

## li temenda l-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Polonja

*(innotifkata taħt dokument numru C(2006) 2068)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2006/404/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, u b'mod partikolari l-Anness XII, Kapitolu 6, Sezzjoni B, Subsezzjoni I(1), paragrafu (e) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Polonja ngħatat perjodi tranżizzjonali għal ċerti stabbilimenti elenkati fl-Appendiċi B ([1]) ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(2) L-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni 2003 ġie emendat mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/458/KE ([2]), 2004/471/KE ([3]), 2004/474/KE ([4]), 2005/271/KE ([5]), 2005/591/KE ([6]), 2005/854/KE ([7]), 2006/14/KE ([8]) u 2006/196/KE ([9]).

(3) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Pollakka, ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib spiċċaw il-proċess tagħhom ta' titjib u issa jinsabu f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità. Barra minn hekk, ċerti stabbilimenti waqqfu l-attivitajiet. Dawk l-istabbilimenti għandhom għalhekk jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti li qegħdin fi tranżizzjoni.

(4) L-Appendiċi B ta' l-Anness XII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ġie infurmat bil-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-istabbilimenti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni tneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-31 ta' Mejju 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.
([2]) ĠU L 156, 30.4.2004, p. 53. Verżjoni kkoreġġuta ĠU L 202, 7.6.2004, p. 39.
([3]) ĠU L 160, 30.4.2004, p. 56. Verżjoni kkoreġġuta ĠU L 212, 12.6.2004, p. 31.
([4]) ĠU L 160, 30.4.2004, p. 73. Verżjoni kkoreġġuta ĠU L 212, 12.6.2004, p. 44.
([5]) ĠU L 86, 5.4.2005, p. 13.
([6]) ĠU L 200, 30.7.2005, p. 96.
([7]) ĠU L 316, 2.12.2005, p. 17.
([8]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 66.
([9]) ĠU L 70, 9.3.2006, p. 80.

*ANNESS*

**Lista ta' stabbilimenti li għandhom jitneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003**

**L-istabbilimenti tal-laħam**

*Lista inizjali*

| Nru | | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 66 | 12 620 314 | Zakłady Mięsne<br>Wiesław Leśniak |
| 87 | 14 190 303 | Zakład Przetwórstwa<br>Mięsa "Olewnik-Bis" |
| 165 | 24 720 304 | Wakpol' Sp. z o.o. |
| 228 | 30 220 104 | Ubojnia zwierząt rzeźnych<br>B.W. Grzelewscy |
| 230 | 30 220 207 | ZPM sp.j.<br>G.E.J. Dworeccy |

**L-istabbilimenti b'kapaċità baxxa ta' laħam aħmar**

*Lista inizjali*

| Nru | | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 1 | | Zakład Pracy Chronionej<br>"Pałuki" spółka jawna,<br>Malice 6, 89-240 Kcynia |

**Is-settur tal-ħalib**

*Lista inizjali*

| Nru | | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 30 | 10 201 601 | OSM w Ozorkowie |
| 76 | 26 021 601 | OSM w Jędrzejowie,<br>Zakład Produkcyjny w Jędrzejowie |
| 81 | 26 071 601 | OSM w Ostrowcu Świętokrzyskim |
| 100 | 30 141 601 | Celia Polska Sp. z o.o. |
| 108 | 30 241 602 | OSM Kaźmierz Wlkp. |

**Lista supplimentari**

*L-istabbilimenti tal-laħam*

| Nru | | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 47 | 14 070 204 | Zakład Mięsny "Nowopol" Sp. j.<br>Odział: Garbatka Letnisko |
| 50 | 14 230 202 | Ubojnia Zwierząt Gospodarczych<br>Andrzej Kazała |
| 56 | 14 380 301 | Zakłady Mięsne "Ratyński i Synowie" Sp.j. |
| 73 | 24 060 201 | Zakład Masarski ME Jędrycha, |
| 94 | 28 183 803 | Masarnia "Kurpianka" Sp. j., |
| 107 | 12 610 316 | "KRAK — MIĘS" J., Naruszewicz,<br>ul. Makuszyńskiego 2A 31-752 Kraków |
| 118 | 04 630 201 | Przedsiębiorstwo Produkcyjno-Usługowo-Handlowe, "Masarnia z Ubojnią",<br>Czesław Hołubek 87-100 Toruń, ul. Wschodnia 19 |
| 139 | 24 010 318 | Przetwórstwo Mięsne Bogdan Szopa, 42-470 Siewierz, ul. Piłsudskiego 21 |
| 153 | 24 150 304 | PPUH "JANTAR" Sp. z o.o. Zakład Masarniczy<br>44-370 Pszów, ul. Ks. Skwary 3 |

**Lista supplimentari**

*Il-laham tat-tjur ta' l-irziezet*

| Nru | | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 185 | 22 053 901 | Ubojnia Drobiu Jerzy Piotrowski, Pępowo<br>ul. Gdańska 118 83-330 Żukowo |
| 186 | 22 053 905 | A&B DROB Sp. z o.o. ul. Pod Elżbietowo 9<br>83-330 Żukowo |

**Lista supplimentari**

*Il-halib*

| Nru | | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 24 | 10 111 602 | Spółdzielnia Mleczarska 99-220 Wartkowice ul. Spóldzielcza 3 |
| 33 | 32 161 601 | Okręgowa Spółdzielnia Mleczarska, 78-200 Białogard.<br>Topialnia Serów Rąbino |